

32003R2187

16.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 327/15

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2187/2003****tal-15 ta' Diċembru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2003 fejn jidħol l-ewwel post fejn tinħatt it-tagħbija f'pajjiż terz jew destinazzjoni finali fil-każ ta' trasport tat-triq**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 33(12) tiegħu,

billi:

- (1) Skond l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No 639/2003 tad- 9 ta' April 2003 tniżżel regoli dettaljati magħmula skolnd ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 1254/1999 fejn jidħlu ħtiġiet għall-għoti ta'rifużjonijiet ta' esportazzjoni li għandhom x' jaqsmu mal-ġid ta' bivini ħajjin matul it-trasport <sup>(2)</sup>, l-annimali huma suġġett għall-Iċċekkjar ta' veterinarju fuq il-post ta' l-ewwel thottija fil-pajjiż terz ta' l-aħħar destinazzjoni.
- (2) Fejn l-annimali huma miġjuba f'dak il-pajjiż ta' l-aħħar destinazzjoni bit-triq, jistgħu jinħattu qabel it-tmiem tal-vjaġġ biex iħares id-dispożizzjonijiet jew ħinijiet tal-vjaġġ jew perjodi ta' mistrieħ tad-direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad- 19 ta' Novembru 1991 fuq il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport <sup>(3)</sup>. Madankollu, l-Iċċekkjar li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3(1)(b) għandu jseħħ fil-post fejn l-annimali jinħattu mill-veikolu tat-triq, li jeskludi il-post fejn il-vjaġġ ġie mwaqqaf għall-mistrieħ, biex jitimgħu jew jagħtu jixorbu lill-annimali.
- (3) Huwa għalhekk xieraq li jagħti possibiltà għall-esportatur biex japplika din id-dispożizzjoni mid-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) No 639/2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 15 Diċembru 2003.

(4) Regolament (KE) No 639/2003 għandu għalhekk ikun emendat kif ġej.

(5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Laħam taċ-ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) No 639/2003, is-subparagrafu li ġej huwa miżjud ‘

“Għar-raġunijiet f'dan ir-Regolament, fil-każ ta' trasport bit-triq, l-ewwel post ta' ħatt fil-pajjiż terz ta' l-aħħar destinazzjoni' jfisser il-post fejn l-ewwel animal inħatt minn veikolu tat-triq, għalhekk jeskludi post fejn il-vjaġġ ġie mwaqqaf għall-mistrieħ, jitimgħu u jagħtu x'jixorbu lill-annimali.”

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

I għandhom jgħoddu għal dikjarazzjoni ta' esportazzjoni li ġiet aċċettata mill-1 ta' Lulju 2004. Madankollu, dan għandu japplika mid-data meta kien infurzat għall-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni li ġew aċċettati mill-1 ta' Otubru 2003, fuq rikjesta ta' l-esportatur.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 93, ta' l-10.4.2003, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 340, tal-11.12.1991, p. 17. Direttiva l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) No 806/2003.